MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 992/1998/1

**Futura Home Appliances Company Limited**

**Vs**

**Joseph Brown; u b' digriet tat-12 ta' Mejju 1999 giet kjamata in kawza Rita Brown**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Mejju 1998 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut kien xtara prodotti minghand is-socjeta` attrici, li b' kollox il-prezz ta' dawn il-prodotti jammonta ghas-somma ta' elfejn u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm2084), kif jirrizulta mill-i*statement* datat 09.04.98 annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. A;

Premess illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas kemm-il darba, dan xorta baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, il-konvenut m' ghandux eccezzjonijiet x' jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm2084 dovuta lis-socjeta` attrici bhala prezz ta' prodotti minnhom mibjugha u konsejati lill-konvenut - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali kalkolabbli mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali tat-13 ta' April, 1998 u Lm15 tal-konsult, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Gunju, 1998 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut,ipprezentata fit-13 ta' Jannar, 1999 li permezz taghha huma eccepixxa:-

1. Fl-ewwel lok li l-gudizzju ma huwiex integru stante li ma gietx imharrka l-mara tal-konvenut Joseph Brown;

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzj u ghas-suespost il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna stante li d-debitu in kwistjoni huwa dovut mis-socjeta` Joe Brown Company Limited ta' 28 East Street, Valletta, persuna guridika indipendenti u distinta mill-persuna tal-konvenut;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi s-somma mitluba ma hijiex dovuta u dan peress li l-konteggi huma zbalajati u ma ttiehdet l-ebda konsiderazzjoni ta' oggetti li gew ritornati lis-socjeta` attrici minhabba difetti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu inidikati;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju, 1999 li permezz tieghu giet kjamata in kawza Rita Brown, il-mara tal-konvenut;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Rita Brownipprezentata fit-12 ta' April, 2000 li permezz taghha hija eccepiet:-

Illi hi ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici billi hi qatt ma kellha x' taqsam man-negozju li zewgha jiggestixxi tramite l-kumpanija tieghu, illi hi qatt ma awtorizzat lil zewgha jaghmel xi negozju f' isimha u kwalunkwe negozju minnu gestit hi gestita tramite l-kumpanija tieghu;

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Illi fi kwalunkwe kaz hi ma ghandha tbati l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kjamata in kawza u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-Affidavits esebiti mill-partijiet;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fit-30 ta' Jannar, 2008 li permezz taghha tat rendikont tal-pagamenti akkont li saru mill-konvenut fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Il-kawza prezenti hi wahda semplici fejn is-socjeta` attrici qeghda tagixxi biex tirriskwota d-dritt kreditorju taghha konness ma' bejgh lill-konvenut ta' prodotti taghha ghal bejgh minn dan mill-hanut tieghu. Jirrizulta li dan ir-rapport negozjali kien ilu fis-sehh ghal xi zmien izda mbaghad il-konvenut beda jaqa' lura fil-hlasijiet u ghalhekk ittiehdet din l-azzjoni;

Nonostante d-difizi minnu sollevati, kompriza dik li l-konteggi illustrati fl-i*statement* tal-kumpanija attrici (fol. 23 sa fol. 28) huma zbaljati, mill-atti jidher li l-kawza segwit dan il-perkors:-

(1) Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2001 (fol. 39) il-konvenut, tramite l-Avukat difensur tieghu, informa lill-Qorti li kien intlahaq ftehim dwar l-ammont tas-sorte;

(2) Billi ma saru ebda hlasijiet il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kumpilazzjoni tal-provi;

(3) Fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2004 (fol. 56) l-Avukati difensuri tal-kontendenti gharrfu lill-Qorti li hemm possibilita` ta' transazzjoni;

(4) Ghal darba ohra l-Qorti giet aktar ‘il quddiem informata li t-transazzjoni ma sehhitx. Dan fl-udjenza tat-2 ta’ Frar, 2005 (fol. 61);

(5) Finalment fl-udjenza tal-15 ta’ Gunju, 2005 (fol. 65) l-attur ikkomunika lill-Qorti li l-partijiet kienu waslu fi ftehim b’ dan li l-konvenut kien gie koncess dilazzjoni ta’ sena u nofs biex jiskonta l-ammont dovut;

(6) Mid-data ta’ din l-ahhar udjenza, kif jixhdu xi verbali, saru diversi pagamenti akkont izda, ciononostante, li, abbondantement, skada l-perijodu ta’ zmien moghti, il-konvenut baqa’ moruz fil-hlas tas-somma bilancjali ta’ tliet mija erbgha u tmenin lira Maltija (Lm384). Dan kif rapprezentat fir-rendikont esebit mis-socjeta` attrici a fol. 87;

(7) Is-socjeta` attrici insistiet li dan il-bilanc jigi kanonizzat permezz ta’ decizjoni minn din il-Qorti, kif hekk fil-fatt qieghed isir.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi prevja c-cahda tat-tieni u tat-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenut kif ukoll dawk l-eccezzjonijiet l-ohra ta’ l-imsejha fil-kawza, tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejha fil-kawza jhallsu solidalment bejniethom s-somma bilancjali ta’ tliet mija u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm384), korrispondenti ghal tmien mija erbgha u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€894.48), bl-imghaxijiet kif mitlub fl-att tac-citazzjoni. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-konvenut u mill-kjamata in kawza flimkien.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------